**Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**
Nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju minflok il-quddies tal-5.00pm u tas-7.00pm ser niltaqgħu fis-6.00pm għal konċelebrazzjoni solenni li fiha niċċelebraw l-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-knisja tagħna.

Bil-konsagrazzjoni, din il-binja b'mod permanenti ġiet iddestinata biex isservi għall-qima ta' Alla, u hekk saret il-post, fejn Alla u l-bniedem jistgħu jiltaqgħu; dar li tlaqqagħna bejnietna, fejn ninġibdu lejn Alla, u aktar ma noqogħdu miegħu, aktar ningħaqdu ma' xulxin. Nistednukom u nħeġġukom tkunu magħna sabiex inroddu ħajr lil Alla ta' dan id-don hekk kbir li tana.

**Ħarġa mill-Għaqda Dun Franġisk Grima**, nhar l-Erbgħa 13 ta' Mejju. Inżuru l-Mużew tal-knisja tal-Għarb fejn Matthew ser jurina l-kollezzjoni tal-bizzilla tal-knisja. Wara nieħdu xi ħaġa ta' Dbieġi. Tluq fid-9.30am minn quddiem iċ-Ċentru.

**Nistgħu nagħtu d-demm,** nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju, mis-1.00pm sal-5.00pm fil-Berġa tax-Xewkija. Għal ġranet oħra f'dan ix-xahar araw il-poster fuq il-paġna tal-Facebook tal-parroċċa jew fin-noticeboards tal-knisja.

**Stedina għal taħdita storika**, nhar il-Ġimgħa 15 ta' Mejju, fis-sala tal-Iskola Primarja tan-Nadur, minn Matthew Curmi l-awtur tal-ktieb "Waqa' Ajruplon". Tibda fis-7.30pm u wara l-Arċipriet ser ibierek lapida bil-poeżija "L-Għanja tal-Għolja tan-Nadur" miktuba minn Oliver Friggieri bħala tislima lil ulied ir-raħal tal-bieraħ u tal-lum.

**Il-kor tat-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa**, qed jibda l-preparazzjonijiet kollha għall-festi tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma. Qed nistiednu lit-tfal u l-adolexxenti kollha li jixtiequ jkantaw fil-kor tagħna sabiex jingħaqdu magħna għall-ewwel prova nhar is-Sibt fis-2.00pm fiċ-Ċentru NTYC.

**Klabb tas-sajf fl-Oratorju Don Bosco** għat-tfal u l-istudenti bejn 4 snin u 13-il-sena. Dan il-klabb se jlaqqa' diversi gruppi skont l-età tagħhom kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn id-9.00am u nofsinhar matul Lulju u Awwissu. L-attivitajiet, taħt superviżjoni ta' għalliema u leaders oħra, jinkludu Quddiesa kuljum, arti u crafts, mużika, żfin, drama, sports u ħarġiet ta' kultura u divertiment. L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu mill-website donboscogozo.org jew jinġabru mill-Oratorju stess u jintlaqgħu sal-aħħar ta' Mejju. Se jsir ukoll programm speċjali għal dawk tal-Year 8/Form 2.

**Kun parti mill-proġett tal-Maħżen *Duo Luminaria***
Bdejna x-xogħol ta' ristrutturazzjoni tal-maħżen tal-festa fi Triq Ta' Said li se jservi għall-armar kollu tal-Pjazza, ta' Triq il-Kappillan u ta' Triq Tramuntana. Kien ilu 8 snin minn meta nħasset il-ħtieġa u beda jinħaseb dan il-proġett minħabba ħsarat infrastrutturali kbar. Issa x-xogħol mexa ġmielu tant li jista' jintuża dritt wara l-festa li ġejja, bil-ħsieb li fi tmiem is-sajf jitlesta kompletament minn kollox. Xtaqna iżda noffrulkom il-possibilità li tipparteċipaw f'dan il-proġett u tgħinuna fit-tisqif tal-maħżen. Kull min jixtieq jgħin jista' jħallas planka għall-prezz ta' €450, u ismu jitnaqqax fuq lapida fid-daħla tal-maħżen. Tistgħu tagħmlu dan fl-Uffiċċju Parrokkjali, jew mal-Arċipriet jew ma' xi membru tal-kumitat tal-armar u tħallu l-kuntatt tagħkom biex tinħareġ irċevuta. Grazzi mill-qalb tal-ġenerożità tagħkom.



**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

**Anniversary of the Decication of the Church**.
On Tuesday, 12th May, instead of the 5:00pm and 7:00pm Masses, we will gather at 6:00 pm for a solemn Mass during which we will celebrate the anniversary of the dedication of our church.

Through its consecration, this building was permanently set aside for the worship of God, and thus became the place where God and humanity can meet; a house that brings us together, where we are drawn towards God, and the more we remain with Him, the more we become united with one another. We invite and encourage you to join us so that we may give thanks to God for this great gift He has given us.

**Outing by the Dun Franġisk Grima Group** on Wednesday, 13th May. We will visit the Church Museum in Għarb where we will be shown the church lace collection. Afterwards, we will have some refreshments at Ta' Dbieġi. Departure at 9:30am from the Parish Centre.

**Blood Donation** on Tuesday, 12th May, from 1:00 pm to 5:00 pm at the Xewkija Parish Centre. For other dates this month, see the poster on the parish Facebook page or the church noticeboards.

**Invitation to a Historical Talk** on Friday, 15th May, at the Nadur Primary School hall, by Matthew Curmi, author of the book *"Waqa' Ajruplon" (An aeroplane crashed)*. It starts at 7:30 pm, and afterwards the Archpriest will bless a plaque featuring the poem *"L-Għanja tal-Għolja tan-Nadur" (A hymn to Nadur)* written by Oliver Friggieri as a tribute to the people of the village, past and present.

**The Parish Children's and Youth Choir** has begun preparations for the First Holy Communion and Confirmation celebrations. We invite all children and adolescents who would like to sing in our choir to join us for the first rehearsal on Saturday at 2:00pm at the NTYC Centre.

**Summer Club at the Don Bosco Oratory** for children and students aged between 4 and 13. The club will bring together various groups of boys and girls according to their age every Monday, Wednesday, and Friday between 9:00am and noon during July and August. Activities, under the supervision of teachers and other leaders, include daily Mass, arts and crafts, music, dance, drama, sports, and cultural and recreational outings. Applications can be downloaded from the website donboscogozo.org or collected from the Oratory itself and must be submitted by the end of May. There will also be a special programme for Year 8/Form 2 students.

**Be Part of the Duo Luminaria Store Project**.
Work has begun on the restructuring of the festa store in Triq Ta' Said, which will be used for all the decorations in the Square, Triq il-Kappillan, and Triq Tramuntana. The need for this project was identified 8 years ago due to major structural damage. The work has progressed well, so much so that it will be usable right after the upcoming Feast, with the aim of completing it fully by the end of summer. We would like to offer you the opportunity to participate in this project and help with the roofing of the store. Anyone who wishes to contribute can sponsor a concrete slab for €450, and their name will be engraved on a plaque at the entrance of the store. This can be done at the Parish Office, through the Archpriest, or with a member of the Street Decorations Committee, leaving your contact details so that a receipt can be issued.



**Mass Times**

**Sundays & Feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**From Monday to Saturday:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Sacred Heart Church: from Monday to Saturday:** 11.00am **Sunday:** 7.00am
**Franciscans Convent Chapel: from Monday to Saturday:** 7.00am
**Sunday:** 6.15am; 10.15am (in English)
**Saint Therese of Calcutta Chapel: Sunday:** 7.30am